MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 5(2009), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar il-Ħamis, l-14 ta' Mejju 2009, fil-5.30 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Stephen Caruana |
| **Viċi-Sindku** | Edric Micallef |
| **Kunsilliera** | Steven Grech |
| | William Pomroy |

**Mhux preżenti** :

| | |
|---|---|
| **Kunsillier** | Remigio Cassar (skużat) |
| **Segretarju Eżekuttiv** | John Restall |

**Aġenda għal-laqgħa** :

1. Qari tal-Minuti
2. *"Arising"* mill-Minuti
3. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Il-Laqgħa Annwali
5. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2008/2009
6. Sejħa għal Offerti għat-Tindif ta' Toroq Mhux Urbani
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Affarjiet Oħra

**2. Qari tal-Minuti**

**2.1** Wara t-talba nqraw il-Minuti tal-laqgħa numru 4 (2009) u dawn ġew approvati.

**3. *Arising* mill-Minuti**

**3.1** Ma kien hemm xejn *arising* mill-Minuti.

**4. Korrispondenza**

**4.1** Nqrat il-korrispondenza kollha pendenti.

**4.2** Dwar it-talba tal-Kunsill Skolastiku tas-Skola Sekondarja F.X.Attard tal-Marsa għal donazzjoni ta' kotba għal Jum il-Premjazzjoni, il-Kunsill qabel li jagħmel għotja ta' €60.

**4.3** Dwar permessi għal imwejjed u siġġijiet fuq il-bankini ta' Xatt is-Sajjieda, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttix sabiex jitlob kjarifika mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet sabiex dawn il-permessi ikunu kollha konformi u li l-permessi jinħarġu għal

imwejjed u siġġijiet man-naħa tal-bini b'passaġġ ta' 1.5m għall-*pedestrians* bejn l-imwejjed u tarf il-bankina.

**4.4** Dwar il-korsijiet tal-E-Tfal li ser isiru fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fix-xhur tas-sajf, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv jekk ser isiru wkoll korsijiet għall-adulti.

**5. Kommunikazzjonijiet tas-Sindku**

**5.1** Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet li organizza l-Kunsill għal Jum Marsaxlokk, fosthom *Story Telling* u *Youth Stars Talent Show* nhar il-Ġimgħa, 24 ta' April 2009, u l-iffirmar tal-Ftehim ta' Ko-operazzjoni bejn il-Kunsill u d-Dipartment tal-Libreriji fl-istess ġurnata. Għal dan l-iffirmar attendew ukoll is-Segretarju Parlamentari, l-Onorevoli Chris Said, u l-Onorevoli Stefan Buontempo u d-Direttur tal-Libreriji, is-Sur Philip Borg. Nhar il-Ħadd, 26 ta' April 2009, Jum Marsaxlokk, wara quddiesa ta' ringrazzjament fil-Knisja Parrokkjali, itella' program mużikali mill-Banda tal-Għaqda Mużikali Pompei u saru l-għotjiet ta' Ġieħ Marsaxlokk u r-Rikonoxximenti. Wara dawn l-attivitajiet kienet saret ċerimonja żgħira fl-Uffiċċju Amministrattiv fejn ingħata Rikonoxximent Speċjali lil Dr Finn Wilhelmsen li kien ġie apposta min-Norveġja għal ġurnata biss biex jirċievi dan l-unur.

**5.2** Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-laqgħa għall-pubbliku li kienet ġiet organizzata mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarjiet Rurali dwar il-propost inċineratur li kienet saret fis-16 ta' April 2009 fil-Pjazza l-Madonna ta' Pompei li għaliha kienu attendew, fost oħrajn, l-Onorevoli Ministru George Pullicino u l-Onorevoli Leo Brincat. Wara preżentazzjoni tas-Segretarju Permanenti, Dr. Chris Ciantar, u interventi minn rappreżentant tal-Enemalta, il-Viċi-Sindku, il-Perit Edric Micallef, u kelliema oħrajn, membri tal-pubbliku esprimew l-opinjonijiet tagħhom u dawn kienu kollha kontra l-propost inċineratur f'Delimara.

**5.3** Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħmel ftehim mal-Marsaxlokk F.C. għall-kiri tal-grawnd tal-futbol matul il-ġranet tax-xogħol mit-Tnejn sal-Ġimgħa għal perijodu ta' sebgħa snin għas-somma ta' €16,400 għal matul il-perijodu kollu ta' din il-kirja. Dan sabiex il-grawnd ikun jista' jintuża miż-żgħażagħ tar-raħal u għal attivitajiet għat-tfal tal-Iskola Primarja. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta sakemm il-ftehim isir bil-miktub u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikkonferma mad-Dipartment tal-Gvern Lokali li dan il-ftehim ikun konformi mar-regolamenti.

**6. Il-Laqgħa Annwali**

**6.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa 'l Kunsill li l-Laqgħa Annwali ser issir nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Mejju 2009.

**7. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2008/2009**

**7.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Financial Statements* li kienu ġew ippreparati għall-awdituri u l-Kunsill approvahom unanimament. Is-Segretarju Eżekuttiv informa 'l Kunsill li l-awdituri tal-Awditur Ġenerali kellhom jiġu l-Kunsill nhar it-Tnejn, 18 ta' Mejju 2009.

**8. Sejħa għal Offerti għat-Tindif ta' Toroq Mhux Urbani**

**8.1** Il-Kunsill iddeċieda li qabel ma toħroġ sejħa għal offerti għat-tindif tat-toroq mhux urbani, kien hemm ħtieġa akbar li ssir sejħa ġdida għat-tindif tat-toroq urbani

għaliex ix-xogħol li kien qed isir mill-kenniesa tal-Cleansing Services Department ma kienx sodisfaċenti. Din is-sejħa għal offerti kellha tinkludi wkoll dik il-parti tax-Xatt li bħalissa qiegħda ssir mill-aħwa Cutajar. Qabel ma toħroġ din is-sejħa, il-Kunsill kellu jiltaqa' sabiex jirrevedi r-rotot u l-frekwenza tal-knis.

## 9. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet

**9.1** Il-Kunsillier Grech, issekondat mill-Viċi-Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati dawn il-ħlasijiet :

| | | |
|---|---|---|
| Adrian Caruana | Ġebel għaċ-ċint Triq it-Trunċiera | 1114.23 |
| Angelo Desira | Assistenza Jum Marsaxlokk | 100.00 |
| Anġlu Fenech | Boroz għall-kenniesa | 256.26 |
| Anġlu Grech | Konkos għaċ-ċint Triq it-Trunċiera 14.04.09 (4326) | 289.10 |
| Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali | Laqgħa għas-Sindki | 34.00 |
| Bitmac (Works) Ltd | 20 Boroż *Instant Road Repair* | 76.94 |
| Carmel Mifsud | Tindif tax-Xatt Mar/Apr 09 u San Girgor | 3225.65 |
| Carmen Scicluna | Kotba - Story Telling - Jum Marsaxlokk | 181.14 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Mar 09 | 1206.97 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Mar 09 | 181.28 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Mar 09 | 626.39 |
| Cleansing Services Dept | Kenniesa Apr 09 | 1257.26 |
| Cleansing Services Dept | Bulky Refuse Apr 09 | 132.53 |
| Cleansing Services Dept | Latrini Apr 09 | 606.18 |
| Commissioner of Police | Extra Duty - Jum Marsaxlokk | 57.40 |
| Duncan Restaurant | Figolli | 100.00 |
| Enemalta | Updating of data base, Form A Charges, Demarcation | 233.00 |
| Environmental Landscapes Consortium | Żamma tal-ġonna Apr 09 | 1030.75 |
| Franks Perfumery | Vouchers għal Horace Gauci u Angele Apap - Preżentaturi M'xlokk Youth Stars | 75.00 |
| Frans Camilleri | Ġbir ta' skart mid-dj ar Apr 09 | 3979.34 |
| Frans Camilleri | Skip, Fortizza tas-Silġ Apr 09 | 58.23 |
| G4S | Cash-in-transit Mar 09 | 37.82 |
| GO | 21652218, Apr u Mejju 09 | 14.28 |
| GO | 21659555, Apr 09 | 24.55 |
| GO | 21652525, Mar 09 | 252.34 |
| GO | 21652525, Apr 09 | 228.49 |
| GO | 21650937, Apr 09 | 59.94 |
| GO | 21652392, Mejju 09 | 17.90 |
| Għaqda Mużikali Pompei | Programm mużikali - Jum Marsaxlokk | 1400.00 |
| Horace Enterprises | Plakek għal Jum Marsaxlokk | 225.66 |
| Image Systems | Toner tal-photocopier | 50.75 |
| J J Ironmongery | Kiri ta' siġġijiet Story Telling | 57.82 |
| J J Ironmongery | Kiri ta' siġġijiet 16.04.09 | 66.08 |
| J J Ironmongery | Kiri ta' siġġijiet Jum Marsaxlokk | 49.56 |
| Jason Gauci | Mobile Cards Mejju 09 | 150.00 |
| Jason Gauci | Gazzetti April 09 | 74.46 |
| Karmenu Mercieca | PA System u assisstenza - M'xlokk Youth Stars | 145.00 |
| La Capanna | Zjara ta' Kunsillieri Ċiprijoti | 181.65 |

| | | |
|---|---|---|
| M.G. Pulis (Brumi) | Tiswijiet tal-moħriet | 71.26 |
| Martin Zerafa | Souvenirs għal studenti barranin | 82.50 |
| Merlin Library | Kotba għal-Librerija | 53.42 |
| Merlin Library | Kotba għal-Librerija | 50.90 |
| Merlin Library | Kotba għal-Librerija | 41.44 |
| Merlin Library | Kotba għal-Librerija | 168.43 |
| Miller Distributors | Kotba għal-Librerija | 5.52 |
| Miller Distributors | Kotba għal-Librerija | 47.24 |
| Miller Distributors | Kotba għal-Librerija | 25.55 |
| Miller Distributors | Kotba għal-Librerija | 55.76 |
| Miller Distributors | Kotba għal-Librerija | 197.13. |
| mita | Wide Area Connectivity Apr - Ġunju 09 | 477.58 |
| Patrick Cellars | Ilma | 35.00 |
| Pawlu Borg | Bibita għall-entertainers tal-Karnival | 94.00 |
| Roc-a-go | Kiri ta' skip għall-ġardinar | 54.97 |
| Santa Lucia Products | Bibita M'xlokk Youth Stars - Jum Marsaxlokk | 198.59 |
| Santa Lucia Products | Bibita Jum Marsaxlokk | 112.44 |
| Schembri Bros & Farrugia | Grade C20 | 181.43 |
| Smart Office Supplies | Toner | 157.74 |
| Smart Office Supplies | Stationery | 233.01 |
| Valley Pet Shop | Qsari kbar | 70.00 |
| WasteServ | Bring-in-site bins Apr 09 | 287.02 |
| WasteServ | Bring-in-site bins Mar 09 | 296.59 |
| Water Services Corporation | Uffiċċju, dawl u ilma - attwali, 15.07.08-21.01.09 | 358.95 |
| Water Services Corpoation | Ġnien il-Familja 17.09.08-26.01.09 | 883.69 |
| Water Services Corpoation | Winchroom, Ilma 15.09.08-24.01.09 | 69.27 |
| Water Services Corpoation | Winchroom No 1, Dawl 15.09.08-24.01.09 | 143.22 |
| Water Services Corporation | Winchroom(1), Dawl u Ilma 15.09.08-24.01.09 | 368.91 |
| Water Services Corporation | Winchroom(2), Dawl u Ilma 15.09.08-24.01.09 | 276.94 |
| Wise Owl Publications | Kotba għal-Librerija | 42.64 |
| | **Total** | **€ 21331.47** |

Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

## 10. Affarjiet Oħra

**10.1** Nhar it-Tlieta, 14 ta' April 2009, il-Membri tal-Kunsill iltaqgħu bħala sotto-kumitat biex jevalwaw in-nominazzjonijiet u jiddeċiedu min ser jiġi onorat f'Jum Marsaxlokk. Il-kumitat approva b'erbgħa voti favur u wieħed kontra (Kunsillier William Pomroy) li Ġieħ Marsaxlokk din is-sena jingħata lis-Sur Joseph Zammit. Rikonoxximenti ġew approvati unanimament għal Mary Grace Gravina, Jackie Vella u Nazzarenu Bugeja u rikonoxximent speċjali għal Dr Finn Wilhelmsen, li kien għamel studju antropologiku dwar Marsaxlokk.

**10.2** Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-Perit Zerafa Boffa bid-deċiżżjoni tal-Kunsill li kienet ġiet irtirata t-talba mibgħuta lilu bl-*email* fit-28 ta' April 2009 li fiha kienet saret talba li jsir tibdil fil-linja tal-bankina fil-kantuniera ta' Triq Sant' Andrija u Xatt is-Sajjieda.

**10.3** Il-Kunsillier Grech talab li l-Kunsill jikteb lic-*Chairman* tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-problemi fil-provvista tal-ilma f'Daħlet Ġużeppi Stagno. Il-kaġun prinċipali tal-kanen maqsumin kien li dawn il-kanen qiegħdin wisq viċin wiċċ it-triq u kien hemm ħtieġa li dawn jinżlu aktar l-isfel.

**10.4** Il-Kunsill qabel li jsiru t-tiswijiet meħtieġa fil-bandli ta' Ġnien Ġuże' Cassar f'Port Ruman u li ssir bandla oħra.

**11.** Il-laqgħa spiċċat fis-7.45 p.m.

**Stephen Caruana**
**Sindku**

**John Restall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**